

4. Permezz tal-aħħar tweġiba tagħhom tat-23 ta' Marzu 2015, l-awtoritajiet Griegi informaw lill-Kummissjoni li:

- ġie ddepożitat abbozz ġdid ta' emenda tad-deċiżjoni li tapprova t-termini ambjentali tas-sit għar-rimi tal-iskart sabiex jiġu identifikati numru ta' xogħlijiet li għandhom jitwettqu sabiex is-sit għar-rimi tal-iskart jiffunzjona kif suppost;
- wara l-ispezzjoni fuq il-post tat-8 ta' Awwissu 2014 (u l-konferma ta' ksur ġdid) reġa' ġew miftuħa, mill-awtoritajiet reġjonali, il-proċeduri kriminali amministrattivi kontra l-korp maniġerjali;
- diversi xogħlijiet meħtieġa jinsabu fl-istadju tal-eżekuzzjoni, pereżempju dawk għall-ġestjoni tal-biogas (il-Kummissjoni tosserva li l-awtoritajiet Griegi issa jirreferu għall-ewwel darba li l-emenda tat-termini ambjentali tas-sit għar-rimi tal-iskart tikkostitwixxi prerekwiżit indispensabbli għat-tlestija ta' tali xogħlijiet);
- il-proċess ta' tfittxija ta' sit ieħor għas-sit għar-rimi tal-iskart ġdid li għandu jinbena fuq il-gżira għadu ma huwiex konkluż.

5. Il-Kummissjoni ssostrni li huwa ċar li s-sit għar-rimi tal-iskart ta' Temploni għadu qed jopera b'mod mhux adegwat u li, filwaqt li xi wħud mill-funzjonijiet ħżiena waqfu, funzjonijiet ħżiena oħra qed ikomplu, u għalhekk, peress li huwa fi stat ta' evoluzzjoni kontinwa, ma huwiex possibbli li jsir katalogu eżawrjenti. Fi kwalunkwe każ, hu x'inhu n-numru eżatt tal-ksur, skont il-Kummissjoni huwa ċar (u l-awtoritajiet Griegi ma humiex qed jikkontestaw dan) li s-sit għar-rimi tal-iskart qed jopera mingħajr ma huwa konformi mad-dispożizzjonijiet taż-żewġ direttivi msemmija iktar 'il fuq. Minkejja li l-ispezzjonijiet fuq il-post ripetutament urew funzjonament ħażin notevoli tas-sit għar-rimi tal-iskart, l-awtoritajiet Griegi għadhom jittolleraw l-attività tiegħu.

<sup>(1)</sup> ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3.

<sup>(2)</sup> ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 4, p. 228.

**Digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-22 ta' Frar 2016 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunal Superior de Justicia de la Comunidad Autónoma del País Vasco – Spanja) – Confederación Sindical ELA, Juan Manuel Martínez Sánchez vs Aquarbe S.A.U., Consorcio de Aguas de Busturialdea**

(Kawża C-118/15) <sup>(1)</sup>

(2016/C 200/21)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja ordna t-tħassir tal-kawża.

<sup>(1)</sup> ĠU C 171, 26.5.2015.

**Digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-9 ta' Marzu 2016 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Juzgado Contencioso-Administrativo n° 1 de Tarragona – Spanja) – Correos y Telégrafos SA vs Ayuntamiento de Vila Seca**

(Kawża C-302/15) <sup>(1)</sup>

(2016/C 200/22)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja ordna t-tħassir tal-kawża.

<sup>(1)</sup> ĠU C 294, 7.9.2015.